VALLETTA CULTURAL AGENCY

# cultural programme

**April-Ġunju** //
April-June 2021

# CONTENTS
# WERREJ


**Il-Programm Kulturali //** The Cultural Programme **02-23**

**Il-Valletta Design Cluster //** The Valletta Design Cluster **24-31**

**The Strada Stretta Concept //** The Strada Stretta Concept **32-41**

**Kalendarju Kulturali April-Ġunju 2021 //** Cultural Calendar April-June 2021 **42-44**



Ritratt ta' // Photo by Justine Ellul



L-arti u l-kultura ta' livell għoli verament jistgħu jkunu, kif għandu jkun, għal kulħadd. Din kienet il-missjoni tagħna sa mill-bidu. Illum nirrikonoxxu li hemm rabta qawwija bejn l-arti u l-impenn kulturali u l-kisba tal-edukazzjoni. L-arti hija vitali għall-benesseri tagħna. Soċjetà mingħajr l-influwenza ċivilizzanti tal-arti tkun fqira u ma tistax tgħix.

Dejjem rajna l-investiment tagħna fl-arti bħala investiment fil-kwalità tal-ħajja tagħna. Minbarra dan il-programm ikkurat mill-qalb, għadna kemm ftaħna l-Valletta Design Cluster, spazju komunitarju għall-prattika kulturali u kreattiva fil-qasam tad-disinn li jinsab fil-bini rinnovat tal-Biċċerija l-Antika, fil-qalba tal-komunità tal-Belt Valletta.

Great art and culture really can be, as it should be, for everyone. That has been our guiding mission ever since. Today we recognise that there is a strong bond between the arts and cultural engagement and education attainment. The arts are vital for our well-being.  A society without the civilising influence of the arts would be poor and unliveable.

We have always seen our investment in the arts as an investment in our quality of life. Apart from this heartfelt curated programme, we have just opened the Valletta Design Cluster, a community space for cultural and creative practice in the field of design situated in the renovated Old Abattoir building (*Il-Biċċerija l-Antika*) in the heart of the Valletta community.



Maħluq u mtella' minn // Created and produced by: Valletta Cultural Agency
F'kollaborazzjoni ma' // In collaboration with: Valletta Local Council

Esibizzjoni fotografika // Photography exhibition



***MATUL IS-SENA // THROUGHOUT THE YEAR***

**Triq San Ġwann, il-Belt Valletta** // St John Street, Valletta

# TNAX

TNAX jagħżel 12-il ritratt, meħudin minn fotografi differenti u li ġejjin minn diversi oqsma, li juru l-livelli multikulturali tal-Belt Valletta minn għajnejn fotografi Maltin u barranin, waqt il-mixjiet u l-osservazzjonijiet tagħhom fil-Belt Valletta. Il-proġett huwa mibni fuq l-essenza ta' belt mogħnija fl-istorja, li għandha t-titlu ta' Sit ta' Wirt Storiku Dinji mill-UNESCO u kienet Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2018. Il-kuratriċi ta' din l-esibizzjoni hija l-fotografu Therese Debono.

TNAX showcases 12 images, shot by various photographers having diverse backgrounds, that show the multicultural layers of the city of Valletta through the eyes of local and foreign photographers, during their walks and observations in the capital. The project captures the essence of a capital rich in history, that is a UNESCO World Heritage site and was European Capital of Culture in 2018. This exhibition is curated by photographer Therese Debono.






**14 APRIL //** *APRIL*

**Pjazza Repubblika, il-Belt Valletta //** Republic Square, Valletta

# Opera in the City – The 3 Tenors Edition

Wara s-suċċess kbir tal-ewwel edizzjoni ta' Opera in the City, esperjenza l-kobor, l-eleganza u l-qawwa tal-vuċijiet ta' tliet tenuri waqt lejla mimlija bl-aktar melodiji operistiċi famużi fid-dinja, li żgur se jġiegħluk tkanta magħhom.

Gawdi programm ta' vuċijiet timbru mill-aqwa u spettaklu operistiku, flimkien mat-tenuri Nico Darmanin, Cliff Zammit Stevens u Alan Sciberras, akkumpanjati minn Sofia Narmania fuq il-pjanu.

Il-postijiet huma limitati. Jekk jogħġbok ibbukkja billi tibgħat email fuq info@vca.gov.mt

Experience the magnificence, elegance and power of three tenor voices serenading you through the Easter season in Valletta. An evening of world famous operatic tunes that will be sure to leave you humming and buzzing, following on the great success of the first edition of Opera in the City.

Enjoy a programme of explosive vocal fireworks, filled with sparkle and operatic extravaganza, starring Nico Darmanin, Cliff Zammit Stevens and Alan Sciberras accompanied by Sofia Narmania at the piano.

Seats are limited. Send an email to info@vca.gov.mt to book.

Produzzjoni ta' // Produced by: Valletta Cultural Agency
F'kollaborazzjoni ma' // In collaboration with: Teatru Manoel & FTZ Community Foundation



Maħluq u kkurat minn // Created and curated by: Elyse Tonna
Imtella' minn // Produced by: Valletta Cultural Agency

Kreditu tal-immaġni: immaġni minn 'Refraction', proġett minn Giola Cassar u Aprille Zammit, li jwassal aspetti mit-tema kuratorjali, Intersection.
Image credits: image from 'Refraction', a project by Giola Cassar and Aprille Zammit, conveying aspects from the curatorial thematic, Intersection.

Esibizzjoni ta' arti viżiva // Visual arts exhibition



***17 April–16 Lulju // April–July***
**Valletta Design Cluster, il-Belt Valletta //** Valletta Design Cluster, Valletta

# fuse

fuse huwa proġett kollaborattiv ta' arti viżiva u riċerka marbut mal-komunitajiet u l-kuntesti ta' madwar il-bini tal-Biċċerija l-Antika fil-Belt Valletta. Il-proġett jiffoka fuq disa' temi: l-Intersezzjoni, is-Sinerġija, is-Simbjożi, il-Konvivjalità, l-Ispostament, ir-Reżiljenza, il-Familjarità, it-Transazzjoni u r-Ritwali. fuse jikxef aspetti relatati man-narrattivi tanġibbli u mhux tanġibbli taż-żona. It-temi huma interpretati permezz ta' interventi ta' arti pubblika speċifiċi għas-sit minn tmien artisti kontemporanji u gruppi ta' artisti. fuse jgħaqqad flimkien il-kumplessitajiet minsuġa tal-kuntest tal-Biċċerija, biex isir simbolu tal-komunità; eku ta' dak li għandha nieqes, dak li teħtieġ jew dak li trid.

fuse is a collaborative visual arts and research project which responds to the communities and contexts surrounding the Old Abattoir building in Valletta. Focusing on nine thematics: Intersection, Synergy, Symbiosis, Conviviality, Displacement, Resilience, Familiarity, Transaction and Ritual, fuse uncovers aspects related to the intangible and tangible narratives of the area. The thematics are interpreted through site-specific, public art interventions by eight contemporary artists and artist collectives. fuse binds together the interwoven complexities of the Biċċerija context, ultimately becoming a symbol of the community; an echo of what it lacks, needs or wants.




Ritratt ta' // Photo by Jonathan Borg

Mtella' minn // Produced by: Valletta Cultural Agency
F'kollaborazzjoni ma' // In collaboration with:
The Malta Foundation for Wellbeing of Society & The China Cultural Centre

Festival // Festival



***6-9 MEJJU//MAY***

**Madwar il-Belt Valletta //** Around Valletta

# Valletta Green Festival

Din is-sena, il-Valletta Green Festival se jkun qed jinfirex madwar il-Belt, jibda minn Bieb il-Belt u jibqa' sejjer sa Pjazza San Ġorġ, fejn se jsiru l-attivitajiet ewlenin. Dan jinkludi l-infjorata, sinonima ma' dan l-avveniment annwali, bid-disinn ta' din is-sena mill-artist Zack Ritchie. It-tema indirizzata din is-sena hija 'Tniġġis Żero'.

L-edizzjoni tal-2021 tal-festival se tinvolvi wkoll it-tnedija ta' City Flora, proġett li jaħdem ma' komunitajiet lokali biex jiġu mħaddra ż-żoni residenzjali tal-Belt Valletta. Din is-sena l-attenzjoni se tkun fuq iż-żona ta' l-Kamrata.

This year, the Valletta Green Festival will be spreading across the city, starting at City Gate and spanning towards St George's Square, where the main activities will be taking place. This includes the infiorata, synonymous with this annual event, with this year's design by artist Zack Ritchie. The theme tackled this year is 'Zero Pollution'.

The 2021 edition of the festival will also see the launch of City Flora, a project which works with local communities to green the residential areas of Valletta. The focus this year will be on the Camarata area.



Ritratt ta’ // Photo by Justine Ellul

F'dawn iż-żminijiet ta' sfida, l-arti tibqa' sors dejjiemi ta' dawl u tama, kif ukoll mezz għall-espressjoni personali. Din il-prestazzjoni mill-qalb, taħt il-patroċinju tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta, qed tittella' bis-sehem ta' artisti u mużiċisti ta' fama internazzjonali, li se jingħaqdu flimkien biex jesegwixxu sett ta' kanzunetti mill-isbaħ mir-repertorju klassiku li jispiraw il-kuraġġ u r-reżiljenza.

In these challenging times, the arts remain a constant source of light and hope, as well as a means for personal expression. This heartfelt performance, under the patronage of His Excellency The President of Malta, features leading international artists and musicians, coming together to perform a set of beautiful songs from the classical repertoire that inspire courage and resilience.

**Direzzjoni artistika //** Artistic direction: **Lawrence Renes**
**Produzzjoni ta' //** Produced by: **Valletta Cultural Agency.**



Ritratt ta' // Photo by Justine Ellul



# Songs of Hope

**Kunċert //** Concert

**2-6 ĠUNJU // *JUNE***

**Ġnien Laparelli, il-Belt Valletta //** Laparelli Gardens, Valletta

# Cinema City

**Ispirati minn Kilowatt Festival u Be SpectACTive festival, din is-sena, il-Malta Film Commission u l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta kkollaboraw biex jistiednu lill-membri tal-udjenza biex isiru parteċipanti attivi f'dan l-avveniment ta' wiri tal-films. Il-voluntiera ntalbu jaraw numru ta' films li jaqgħu taħt ġeneri differenti mill-kumdità u s-sigurtà ta' darhom stess, li minnhom ġew magħżula l-ħames films li se jintwerew. L-udjenza tista' tgawdi dawn il-wirjiet ta' films fil-miftuħ mingħajr ħlas.**

Inspired by the Kilowatt Festival and Be SpectACTive festival, this year, the Malta Film Commission and the Valletta Cultural Agency collaborated on inviting audience members to become active participants in this film screening event. Volunteers were asked to watch a number of movies falling under different genres from the comfort and safety of their own home, out of which the five films to be screened were selected. Audiences may enjoy these outdoor screenings free of charge.

Produzzjoni ta' // Produced by: Valletta Cultural Agency
F'kollaborazzjoni ma' // In collaboration with: Malta Film Commission







Ritratt ta' // Photo by Jonathan Borg

**12 ĠUNJU //** *JUNE*

Pjazza Teatru Rjal

# Bejn Linja u Oħra

**Prestazzjoni //** Performance

**Il-Belt taħseb u tħoss – tinstema'. Kultant tiskot: tifraħ. Drabi tiġġennen. Nistidnukom għal lejla fejn tidħlu magħna fl-irkejjen moħbija tagħha hi u tħares l'isfel mill-fwar tal-galleriji, u tfittex is-sigħat ta' mħabba li ntilfulha xi mkien bejn Kastilja u Ġnien is-Sultan. Dritti daqs xfafar, illejla t-toroq se jsiru versi li jinfdu l-Belt Valletta. Din storja ta' xalar u niket, avventura fil-qalb ta' belt ħosbiena. Kultant ittir bil-ferħ, jew tħuf qalb id-dlam fejn sparixxa l-Caravaggio. Jekk timxi pass pass magħha, taf tkellmek ħin bla waqt – bla sliem. Bejn linja u oħra.**

The City thinks and feels - it is heard. Sometimes it stops: rejoices. At times it goes mad. We invite you to an evening where the city joins us in its hidden corners as it looks down from the balconies, looking for the hours of love lost somewhere between Castille and the Grandmaster's Garden. Straight as blades, tonight the streets will become verses that pervade Valletta. This is a story of grief and sorrow, an adventure in the heart of a bustling city. Sometimes it flies with joy, or fades into the darkness where the Caravaggio has disappeared. If you walk with it step by step, you will be able to talk to it in a timeless way. Between one line and another.






**Direzzjoni artistika //** Artistic direction:
**Norbert Bugeja, Ray Calleja, Albert Marshall**
**Produzzjoni ta' //** Produced by: **Valletta Cultural Agency**

Ritratt ta' // Photo by Justine Ellul



Direzzjoni artistika // Artistic direction: Karl Fiorini
F'kollaborazzjoni ma' // In collaboration with: Valletta Cultural Agency

Opra // Opera



**19 ĠUNJU // JUNE**
Gran Salon, National Museum of Archaeology

# Der Kaiser Von Atlantis Order Die Tod-Verweigerung

L-opra ta' Viktor Ullmann Der Kaiser von Atlantis oder die Tod-Verweigerung - The Emperor of Atlantis or Death's Refusal - se tagħlaq l-International Spring Orchestra Festival ta' din is-sena, immexxi minn Raoul Lay, ma' Clare Ghigo, Kimberly Grech, Ken Scicluna, Charles Vincenti, Charles Buttigieg, Louis Andrew Cassar, Ivan Vella u l-Ensemble Télémaque.

Ullmann u l-poeta Petr Kien, li t-tnejn mietu f'Auschwitz fl-1944, kitbu din l-opra li saret għall-ewwel darba fl-1975, waqt li kienu internati f'Theresienstadt. "Parabbola eluživa li tilqa 'l-mewt, dwar ħakkiem miġnun u qattiel, li possibilment isib il-fidwa fl-aħħar, li jħalli d-dinja f'viżjoni Faustjana finta ta' ġenna naturali li m'għadhiex imniġġsa mill-bniedem".

Viktor Ullmann's one-act opera Der Kaiser von Atlantis oder die Tod-Verweigerung - The Emperor of Atlantis or Death's Refusal – closes this year's International Spring Orchestra Festival, conducted by Raoul Lay, with Clare Ghigo, Kimberly Grech, Ken Scicluna, Charles Vincenti, Charles Buttigieg, Louis Andrew Cassar, Ivan Vella and Ensemble Télémaque.

Ullmann and the poet Petr Kien, both of whom died in Auschwitz in 1944, wrote this opera, premiered in 1975, while interned in Theresienstadt. "An elusive death-welcoming parable about a mad, murderous ruler, possibly redeemed at last, who says farewell to the world in a mock-Faustian vision of a natural paradise no longer spoiled by men".



Produzzjoni ta' // Produced by: Valletta Cultural Agency
F'kollaborazzjoni ma' // In collaboration with: Matt Vella



**30 ĠUNJU–4 LULJU //** *JUNE–JULY*

**Pjazza Tritoni, il-Belt Valletta //** Tritons Square, Valletta

# Valletta Local Food Festival

Dan il-festival ta' ħamest ijiem għandu l-għan li jqajjem kuxjenza dwar id-diversità, il-kreattività u l-kwalità li dejjem qed tikber fix-xena kulinari lokali, il-produtturi tal-ikel lokali tagħha, l-ingredjenti, u n-negozji lokali kollha li jikkontribwixxu għaliha.

Dan il-proġett għandu l-għan li jinvolvi lill-pubbliku permezz ta' stands tal-ikel u x-xorb fejn se jiġu offruti l-prodotti u l-ingredjenti bħala parti minn riċetti. Il-festival se jinkludi wkoll taħditiet informattivi qosra u workshops parteċipattivi, fejn in-nies jistgħu jipparteċipaw billi jippreparaw ikliet bl-użu tal-ingredjenti lokali li jiċċelebra dan il-festival.

This 5-day festival is an effort to raise awareness on the diversity, creativity and ever-growing quality within the local culinary scene, its local food producers, ingredients, and all local businesses who contribute towards it.

This project aims to engage the public through food and beverage stalls, each offering their products and ingredients in recipes. The festival also features short, informative and engaging talks and hands-on participatory workshops, by preparing dishes using the local ingredients which this festival celebrates.

# Valletta Design Cluster



Co-funded by the
Erasmus+ Programme
of the European Union

# European Open Design School for Sustainable Regional Development



Il-Valletta Design Cluster huwa wieħed mill-imsieħba fid-DeuS (European Open Design School for Sustainable Regional Development), proġett ta' Erasmus+ ta' sentejn li għandu l-għan li jidentifika sfidi komuni esperjenzati minn prattikanti kulturali u kreattivi fir-reġjuni msieħba, u jsib soluzzjonijiet għalihom billi juża approċċi kollaborattivi ko-kreattivi. Il-Valletta Design Cluster qed jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' programm ta' taħriġ mal-imsieħba l-oħra, li se jkun ippilotat fix-xhur tar-Rebbiegħa.

The Valletta Design Cluster is one of the partners in DeuS (European Open Design School for Sustainable Regional Development), a 2-year-Erasmus+ project which aims at identifying common challenges experienced by cultural and creative practitioners in the partner regions, and finding solutions to them by using collaborative co-creative approaches. The Valletta Design Cluster is contributing to the creation of a training programme with the other partners, which will be piloted in the Spring months.

# Wikimedian-in-Residence Programme

Il-Programm Wikimedian-in-Residence se jkompli fix-xhur tar-Rebbiegħa, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Komunità Wikimedia Malta. L-avvenimenti organizzati se jorbtu l-aktar mal-kompetizzjoni 'Central and Western Spring', inizjattiva internazzjonali li se tara artikli Maltin relatati ma' Malta tradotti f'lingwi oħra, u artikli barranin relatati ma' pajjiżi oħra tradotti għall-Malti. Tematikament dan se jkun marbut ma' prattiċi assoċjati mal-Valletta Design Cluster, u se jipprovdi lill-parteċipanti b'għarfien u ħiliet marbuta mal-valuri kondiviżi tal-Cluster: aċċess miftuħ, qsim ta' għarfien, u ko-kreazzjoni.

The Wikimedian-in-Residence Programme will continue in the Spring months, in close collaboration with the Wikimedia Community Malta. The organized events will mainly link to the Central and Eastern European Spring competition, an international initiative which will see Maltese articles related to Malta translated into other languages, and foreign articles related to other countries translated into Maltese. Thematically this will be linked to practices associated with the Valletta Design Cluster, and will provide participants with insights and skills linked to the Cluster's shared values: open access, knowledge sharing, and co-creation.







# Perspectives on Co-Design for the Social Wellbeing

Id-disinn huwa applikat b'modi differenti fil-ħajja ta' kuljum. Din is-serje ta' avvenimenti se toffri konversazzjonijiet miftuħa dwar l-importanza li jiġu adottati approċċi komuni biex tissolva xi problema jew fil-bidu ta' negozju kreattiv. Esperti fil-qasam se jinvolvu lill-udjenza f'workshops parteċipattivi, fejn se jiġu ppreżentati u diskussi studji ta' każijiet reali. Din is-serje tibni fuq il-Valletta Design Cluster bħala pjattaforma għal skambju kreattiv u interdixxiplinarjetà u msejsa fuq il-kunċett tal-ftuħ u l-aċċessibilità.

Design is applied in different ways in everyday life. This series of events will feature open conversations on the importance of adopting shared approaches when trying to solve a problem or starting a creative business. Experts from the field will engage the audience in participatory workshops, where real case-studies will be presented and discussed. This series builds on the placement of the Valletta Design Cluster as a platform for creative exchange and interdisciplinarity and founded on the concept of openness and accessibility.

# The Strada Stretta Concept

”






Ritratt ta' // Photo by Justine Ellul

# Loin des yeux du Monde



Mtella' minn // Produced by: The Strada Stretta Concept
F'kollaborazzjoni ma' // In collaboration with: The Splendid

Interpretazzjonijiet ta' Siltiet Klassiċi Jazz // Classic Jazz Standards Interpretations



Il-kompożitriċi Russa Olga Vassileva u l-awtriċi Franċiża Anna Civert, li għexet ukoll fir-Russja, se jwettqu l-kollaborazzjoni tagħhom ta' ċiklu ta' tletin kanzunetta, live minn The Splendid.

Il-kompożizzjonijiet ta' Vassileva huma bbażati fuq il-poeżiji ta' Civert, dawn tal-aħħar ġew ispirati ħafna mir-rikkezza kulturali u d-diversità tal-ġeografija tar-Russja. Flimkien ma' dan, il-ħoss tal-jazz se jarrikkixxi din il-mużika li se tindaqq minn Geoffrey Tamisier fuq it-trumbetta u Jérôme Séguin fuq il-kuntrabaxx, sinonima mal-wirt post-romantiku Russu kif ukoll mal-kanzunetta Franċiża, li se titkanta mis-sopran Jazmin Black. Dan iċ-ċiklu mużikali oriġinali jiżvela r-rabtiet profondi li jeżistu bejn il-lingwa Franċiża, il-kultura Russa, u l-mużika. Dan l-avveniment se jkun qed jittella' għall-ewwel darba f'Malta.

Russian-born composer Olga Vassileva and French author Anna Civert, who has also lived in Russia, are set to perform their collaboration of a cycle of thirty songs, live from The Splendid.

Vassileva's compositions are based on the poems by Civert, the latter of which have been greatly inspired by the cultural richness and diversity of Russia's geography. In addition to this, jazz touches will enrich this music played by Geoffrey Tamisier on the trumpet and Jérôme Séguin on the double-bass, which is steeped in Russian post-romantic heritage as well as French song, which is to be beautifully sung by soprano Jazmin Black. This original music cycle reveals deep ties that exist between the French language, Russian culture, and music. This event will be premiering in Malta.

**28-29 MEJJU //** MAY

**The Splendid, Strada Stretta, il-Belt Valletta //** The Splendid, Strait Street, Valletta



# Sandro Zerafa (duo and trio)

## 'Last Night When We Were Young'

L-ambaxxatur ewlieni tal-Jazz f'Malta bbażat f'Parigi, Sandro Zerafa, se jkun qed jiċċelebra l-ħarġa tal-ħames album tiegħu, Last Night When We Were Young. Dan l-album jagħti ġieħ lill-"Great American Songbook" u fih interpretazzjonijiet ta' xogħlijiet minn George Gershwin, Harold Arlen, Sammy Cain u oħrajn. Għall-aħħar opus tiegħu Sandro se jkun qed jippreżenta żewġ ensembles differenti - duo mal-pjanist Vincent Bourgeyx u trio ma' Yoni Zelnik (kuntrabaxx) u Antoine Paganotti (drums). Il-mużiċisti se jkunu qegħdin jagħtu wkoll masterclasses b'xejn. Dan il-proġett huwa appoġġjat mill-Malta Arts Fund ta' tal-Kunsill Malti għall-Arti.

Paris-based Sandro Zerafa, Malta's leading jazz ambassador, will be celebrating the release of his fifth album, Last Night When We Were Young. This album is a homage to the Great American Songbook and features interpretations of works by George Gershwin, Harold Arlen, Sammy Cain and others. For his latest opus Sandro will be presenting two different ensembles - a duo with pianist Vincent Bourgeyx and a trio with Yoni Zelnik (double bass) and Antoine Paganotti (drums). The musicians will also be delivering free masterclasses. This project is supported by Arts Council Malta - Malta Arts Fund.

**Kunċert //** Concert

**Mtella' minn //** Produced by: **The Strada Stretta Concept**
**F'kollaborazzjoni ma' //** In collaboration with: **Arts Council Malta**





**21-30 ĠUNJU //** JUNE
The Splendid, Strada Stretta

Din hija esibizzjoni kollaborattiva bejn The Strada Stretta Concept, id-Dipartiment tal-Arti u l-Istorja tal-Arti fi ħdan l-Università ta' Malta, u s-Società Dante Alighieri, f'ċelebrazzjoni tas-700 anniversarju mill-mewt ta' Dante Alighieri.

B'din l-esibizzjoni, The Strada Stretta Concept qed jipparteċipa direttament fil-kommemorazzjoni internazzjonali ta' dan l-anniversarju importanti. Il-pubbliku se jkollu l-opportunità li jidħol f'diskussjoni mal-artisti nfushom, li se jkunu preżenti f'diversi okkażjonijiet.

This is a collaborative exhibition between The Strada Stretta Concept, the Art & Art History Department within the University of Malta, and the Sociетá Dante Alighieri to celebrate the 700th anniversary of Dante Alighieri's death.

With this exhibition, the Strada Stretta Concept is directly participating in the international commemoration of this milestone anniversary. The public will get the opportunity to engage in discussion with the artists themselves, who will be present on numerous occasions.

**Esibizzjoni //** Exhibition

**Mtella' minn //** Produced by: **The Strada Stretta Concept**
**F'kollaborazzjoni ma' //** In collaboration with:
**Department of Art and Art History, University of Malta**





# 'Strada Stretta Occupy' by Students

# Calendar



## APR-JUN
### TNAX
Page 04-05

Esibizzjoni fotografika // Photography Exhibition

## 14 APR
### OPERA IN THE CITY
Page 06-07

Kunċert // concert

## 17 APR - 16 JUL
### FUSE
Page 08-09

Esibizzjoni ta' Arti Viżiva // Visual Arts Exhibition

## APR-JUN
### European Open Design School for Sustainable Regional Development
Page 26-27

## APR-JUN
### WIKIMEDIAN -IN-RESIDENCE PROGRAMME
Page 28-29

## APR-JUN
### PERSPECTIVES ON CO-DESIGN FOR THE SOCIAL WELLBEING
Page 30-31

## 6-7 MAY
### LOIN DES YEUX DU MONDE
Page 34-35

Interpretazzjonijiet ta' Siltiet Klassiċi Jazz // Classic Jazz Standards Interpretations

## 6-9 MAY
### VALLETTA GREEN FESTIVAL
Page 10-11

Festival // Festival

## 28-29 MAY
### SANDRO ZERAFA (DUO AND TRIO)
Page 36-37

Kunċert // Concert

## MAY
### SONGS OF HOPE
Page 14-15

Kunċert // Concert

## 2-6 JUN
### CINEMA CITY
Page 16-17

Wiri ta' Films // Film Screenings

## 12 JUN
### BEJN LINJA U OĦRA
Page 18-19

Prestazzjoni // Performance

## 19 JUN
### Der Kaiser Von Atlantis Order Die Tod-Verweigerung
Page 20-21

Opera // Opera

## 21-30 JUN
### 'STRADA STRETTA OCCUPY' BY STUDENTS
Page 40-41

Esibizzjoni // Exhibition

## 30 JUN - 04 JUL
### VALLETTA LOCAL FOOD FESTIVAL
Page 22-23

Festival // Festival






Ritratt ta' // Photo by Justine Ellul



Ritratt ta' // Photo by Darren Agius

**Valletta Cultural Agency**

Exchange Buildings
Republic Street
Valletta, VLT 1117
Malta

**w.** www.vca.gov.mt
**e.** info@vca.gov.mt
**t.** (+356) 2124 2018

L-informazzjoni f'dan il-ktejjeb kienet korretta qabel intbagħtet għall-istampar. L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta tirriserva d-dritt li temenda dati u dettalji oħra tal-attivitajiet tagħha f'kull ħin // The information on this booklet was correct at the time of going to print. The Valletta Cultural Agency reserves the right to amend dates and other event details at any time.

# cultural programme

**April-Ġunju** //
April-June 2021